MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 1065/2012

**Milos Brettfeld (karta ta' l-identita` Ceka Numru 113426884) Kamenna, 180/9, Brno, Repubblika Ceka**
**U**
**Ivo Herzig (karta ta' l-identita` Ceka Numru 200135420) Slepa 1327/37, Brno, Repubblika Ceka**

**vs**

**Mohan Bharwani (karta ta' l-identita` numru 415366 (M))**
**103, Rajmohan Nivas,Triq il-Ghajn, Swieqi**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat l-24 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti nfurmaw sintetikament lill-qorti bis-segwenti:

1. Illi permezz ta' sentenza tal-qorti municipali ta' Brno, Repubblika Ceka, datata s-7 t'Awwissu, 2012,

indikata fl-istess rikors promotur, permezz ta' kopja u traduzzjoni, l-intimat Bharwani gie kkundannat ihallas lir-rikorrenti fuq indikati s-somma ta' mija u hdax –il elf, mija u sebgha Ewro u zewg centezmi, (€111,107.02), kif hemm dettaljatament indikati rapprezentanti arretrati ta' kirjiet dovuti u penali nkorsi, oltre l-imghax legali bir-rata ta' 7.75% dekorribbli kif hemm ukoll indikat dettaljatament;

2. Illi l-imsemmi intimat gie wkoll ikkundannat ihallas l-ispejjez gudizzjarji ekwivalenti ghal tmint elef, disa' mija u disghin Ewro u tmienja u tletin centezmu, (€8,990.38);

3. Illi nonostante diversi nterpellazzjonijiet ghall-hals, l-intimat baqa' inadempjenti;

4. Illi c-certifikati relattivi rigwardanti l-gurisdizzjoni, rikonoxximent u nfurzar ta' sentenzi ta' natura civili u kummercjali gew debitament rilaxxati fit-terminu tar-regolamenti appoziti Ewropei, senjatament l-artikolu 825 A *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 17 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni, u tar-Regolamenti tal-Kunsill Ewropew 44/2001/KE tat-22 ta' Dicembru, 2000 dwar gurisdizzjoni, rikonoxximent u ezekuzzjoni ta' sentenzi f'materji civili u kummercjali;

5. Illi *ai termini* tal-artikolu 32 *et sequitur* tal-imsemmija regolamenti tal-Kunsill Ewropew fuq imsemmi, s-sentenza tal-qorti municipali ta' Bruno fl-ismijiet fuq riferiti taqa' taht l-iskop tal-istess regolamenti u ghalhekk tikkwalifika biex tigi rikonoxxuta u tigi reza ezegwibbli fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea – inkluz Malta, u dan, minghajr il-htiega ta' procedura specjali;

6. Illi ghalhekk l-imsemmija sentenza Ceka ghandha tigi dikjarata ezegwibbli mmedjatament kif jitwettqu l-formalitajiet rikjesti mill-artikolu 53 tal-imsemmija Regolamenti;

7. Illi r-rikorrenti ghad ghandhom interess li jezegwixxu s-sentenza estera fuq riferita kontra l-intimat;

8. Illi konsegwentement ir-rikorrenti fuq indikati jitolbu li din il-qorti:

i. Tiddikjara li s-sentenza fuq riferita tal-qorti ta' Brno, Repubblika Ceka, datata s-7 t'Awwissu, 2012, Nru 34 C 26/2011-135 38/IIV, hi enforzabbli u ezegwibbli fil-gurisdizzjoni Maltija *ai termini* tar-Regolament 44/2001/KE u l-artikolu 825A *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Tordna li r-rikorrenti jkunu wkoll awtorizzati jezegwixxu t-titolu ezekuttiv moghti lilhom permezz ta' l-imsemmija sentenza, u dan, bil-fakoltajiet u drittijiet kollha fil-ligi;

iii. Bl-ispejjez kontra l-intimat Mohan Bharwani;

Rat id-dokumenti kollha esebiti, inkluz it-traduzjoni appozita tas-sentenza in dizamina;

Rat ir-rikors tal-intimati datat it-13 ta' Novembru, 2012, u d-digriet taghha datat is-16 ta' Novembru, 2012;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura odjerna hi wahda intiza limitatament ghal dikjarazzjoni ta' ezegwibilita` ta' sentenza rilaxxata minn qorti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fit-termini tar-Regolamenti u ligijiet fuq gia` riferiti;

Illi kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha tal-31 ta' Jannar, 2011, fl-ismijiet **Av. Hugh Peralta nomine vs ZET Limited**, din il-procedura hi wahda ta' natura partikolari fejn din:

" … ma ghandhiex tiehu sura ta' kawza fis-sens generali tal-kelma. Darba li l-ewwel qorti … tkun perswaza li ghall-materja japplika l-imsemmi Regolament numru 44/2001 u mhux il-kaz ta' decizjoni li ghaliha r-regolament jeskludi l-applikazzjoni tieghu … hi trid tipprocedi li **tiddekreta t-**

**talba wara semplici ezami tad-dokumenti esebiti, minghajr il-htiega li tisma' lid-debitur jew tara x'ghandu xi jghid fuq il-kaz** …";

Illi bi pjacir tinnota wkoll li s-suespost gie wkoll robustament sostenut bi kjarezza mir-rikorrenti fin-nota taghhom fuq riferita;

Ikkunsidrat:

Illi stabbilit li d-dokumenti rikjesti mill-imsemmija Regolamenti tal-Kunsill fuq indikati gew debitament u validament ipprezentati;

Illi stabbilit li l-procedura odjerna tirrigwarda s-sentenza fuq gia` debitament riferita deciza mill-qorti Municipali ta' Brno, Repubblika Ceka;

Illi konsegwentement din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li, wara li gew stabbiliti r-rekwiziti statutorjament rikjesti kif fuq espost:

1. Tiddikjara li s-sentenza fl-ismijiet fuq riferiti deciza mill-qorti Municipali ta' Brno, Repubblika Ceka fis-7 t'Awwissu, 2012, Numru 34 C 26/2011-135 38/IIV, hi enforzabbli u ezegwibbli fil-gurisdizzjoni Maltija;

2. Tordna li r-rikorrenti fuq indikati jkunu wkoll awtorizzati jezegwixxu t-titolu ezekuttiv moghti lilhom permezz ta' l-imsemmija sentenza, u dan, bil-fakoltajiet u drittijiet kollha fil-ligi;

3. Bl-ispejjez kontra l-intimat Mohan Bharwani;

4. Illi konsegwenza tal-istess, tordna li d-dikjarazzjoni ta' ezekuzzjoni u enforsabilita` fuq imsemmija tigi servuta fuq l-intimat Bharwani fuq indikat, flimkien ma' l-atti l-ohra kollha relattivi.

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------